MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 388/2005

**Saviour sive Aldo Portelli**

**vs**

**Valerie u Frederick konjugi Cauchi Inglott**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta’ Frar 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jjhallsu lill-attur is-somma ta’ tlieta u sittin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm63.26) rapprezentanti s-sehem taghhom rispettiv tal-ispejjes imhallsa mill-attur fir-rigward tal-partijiet komuni tal-blokk ta’ appartamenti maghrufa bhal Qui si Sana Court, gewwa Qui si Sana Place, Tas-Sliema. Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-isepejjes ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-20 ta’ Jannar 2005, kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvneuti fejn huma eccepew is-segwenti:-
Illi fl-ewwel lok l-attur ghandu jispecifika f'liema kwalita' qed jipproponi dawn il-proceduri u cioe' jekk f'ismu personali jew inkella fil-kwalita ta' amministratur tal-blokk appartamenti in kwistjoni.

Illi ai termini tal-Artikolu 20 tal-Condominium Act l-attur m'ghandux id-dritt li jigi rimbursat ghall-ispejjes li ghamel u dan stante li ma giex awtorizzat illi jaghmel dawn il-pagamenti.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost dan it-Tribunal ghandu jissoporasjedi stante li hemm proceduri pendenti quddiem ic-Centru Malti ghall-Arbitraggi in konnessjoni mal-hatra tal-attur bhala amministratur tal-blokk appartamenti in kwistjoni.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid jaghti rendikont tas-somma mitluba, kif ukoll prova li effettivament sar il-hlas.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu 2005 fejn l-attur iddikjara li huwa qed jipproponi din il-kawza f'ismu personali u cioe' bhala condominus.

It-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza moghtija illum stess fil-kawza fl-simijiet "Saviour sive Aldo Portelli et vs Rinald Micallef et" (Avviz Numru 387/05) fejn gie deciz li t-talbiet attrici, liema talbiet huma identici ghal dawk tal-attur fil-kawza odjerna, ma jaqghux taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal u li l-kwistjoni tal-partijiet ghandha tigi riferita ghal Arbitragg.

Fiilwaqt li t-Tribunal jiddikjara li l-motivazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet tal-imsemmija sentenza ghandhom jiffurmaw parti integrali mill-korp tas-sentenza odjerna, jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-inkompetnza tieghu rationae materiaie sabiex jisma' u jiddeciedi dwar it-talbiet attrici.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------